**Kunsill Lokali Il-Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A07-12

24 ta' Settembru 2012

**Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/07**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **l-Ħamis 27 ta' Settembru 2012, fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5.. Affarijiet oħra
6. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Roberto Cristiano
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip.Mgmt. M.I.M
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali IL-Gżira

24 t'Ottubru 2012

Ref Nru.Klg6/007

Minuti tal-laqgħa Nru Klg6/007 li saret il-Ħamis 27 ta' Settembru 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.00 p.m.

**Preżenti**

Seba' membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Roberto Cristiano, il-Viċi-Sindku Joe Galea, l-Kunsillieri Vincenza Attard, Joe Camilleri, Charles Micallef St. John, Joseph M. Muscat u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg U D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa.

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fl-24 ta' Settembru 2012.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Il-minuti ta' l-1 t'Awwissu u l-kontinwazzjoni ta' l-istess laqgħa li saret fit-13 t'Awwissu 2012, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-mintui supracitati ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondati mill-Kunsillieri Charles Micallef St. John u Victor Rutter rispettivament.

## 2. Materji Konnessi

**2.1 Paġna Nru: 2 para 2.2 –** Iċ-*Chairman* informa, li sa dak inhar tal-laqgħa minkejja li kienu ġew ppubblikati l-avviżi, ebda applikazzjoni eleġibli ma ġiet sottomessa u għalhekk, id-Direttur tad-Dipartiment ried

jaħtar Aġent Segretarju Eżekuttiv iżda l-ewwel, is-Segretarju Eżekuttiv preżenti riedet tingħata *posting* fid-Dipartiment tal-Gvern.

**2.2 Paġna Nru: 2 para 2.3** – Iċ-*Chairman* qal, li fir-rispett ta' l-estensjoni tal-bankina biex tgħaqqad mill-*bridge* ta' *Manoel island* għall-Ġnien, kienet ġiet sottomessa *D.N.O. application* mill-Perit tal-Kunsill liema applikazzjoni, tiswa madwar €200 u x-xogħol jekk jiġi approvat mill-*MEPA,* ser jitħallas mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

**2.3 Paġna Nru: 2 para 2.4 –** Il-Viċi-Sindku nforma, li għalkemm kien qed jaħdem ful il-proġett ta' Pjazza Gerry Zammit, kien għadu ma rrevediex il-*B.O.Q.* u għaldaqstant f'dan l-istadju, ma setax jagħti rapport aktar dettaljat.

**2.4 Paġna Nru: 3 para 2.6** – Iċ-*Chairman* informa, li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu iltaqgħu ma' l-Avukat Woods fl-20 ta' Settembru 2012 matul lliema laqgħa, l-parir tiegħu kien, li f'dan l-istadju l-Kunsill m'għandux iwieġeb u lanqas jieħu xi pożizzjoni oħra għar-raġuni, li jidher li l-każ huwa preskritt minħabba li t-talba hi għall-pagamenti ta' l-aħħar tlett xhur tas-sena 2009. Il-Kunsill tramite tiegħu (Dott. Woods) jintervjeni biss, fl-eventwalita' li l-Kunsill jirċievi ittra uffiċjali.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-parir ta' l-Avukat.

**2.5 Paġna Nru: 3 para 2.7** – Iċ-*Chairman* qal, li d-deċiżjoni u l-azzjoni dwar it-tneħħija tal-*pavement buildouts* kienet ser titħalla għal aktar 'l quddiem.

**2.6 Paġna Nru: 4 para 3.3. -** Iċ-*Chairman* informa, li t-*trial period* tal-*one-way system* bdiet topera mill-1 ta' Settembru 2012 u ser tibqa' funzjonabbli sat-30 ta' Novembru 2012 u għalhekk, huwa mportanti li kull suġġeriment/ilment għandu jiġi elenkat sabiex ikun preżentat lit-*Transport Malta* qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali.

**2.7 Paġna Nru: 4 para 3.4 –** Iċ-*Chairman* qal, li s'issa l-Kunsill kien għadu qed jistenna risposta dwar il-kuntratt fir-rispett tat-tieni żona.

**2.8 Paġna Nru: 5 para 3.7 –** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li b'eżitu tal-gwida ta' l-Avukat tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill ġie infurmat li *s-subsidary legislation No: 441.04* ma tapplikax għat-talba ta' *Azzure Ltd* u għalhekk, il-Kunsill m'huwiex l-Awtorita' li joħroġ dan it-tip ta' permess.

**2.9 Paġna Nru: 6 para 3.13 –** Iċ-*Chairman* qal, li sa dak in-nhar, jiġifieri sas-27 ta' Settembru 2012, il-laqgħa mas-Sur Simon Grima kienet għada ma saritx u għalhekk, kien ser jerġa' jibgħat *reminder* sabiex jingħata appuntament.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li apparti Triq Luqa Briffa kienet saret applikazzjoni oħra sabiex isiru l-bankini ta' Taliana Lane minn *Transport Malta*.

**2.10 Paġna Nru: 7 para 3.14 –** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet rapport tekniku mid-ditta t' *Inġinerija NBE* fejn fiha ġie spjegat li l-apparat inkluż l-*outdoor gym equipment* seta' jiġi segregat minflok imċaqlaq.

Matul id-diskussjoni li saret, is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għal deċiżjonijiet preċedenti li t-*toddlers area* wkoll riedet tintgħalaq u għalhekk, ried jittieħed inkonsiderazzjoni l-impatt viżiv.

Iċ-*Chairman* qal, li din il-materja tirrekjedi li jitħejja pjan sabiex mhux dan l-aspett biss jittieħed inkonsiderazzjoni iżda l-aspett ħolistiku li jkun jinkludi tibdiliet oħra li hemm bżonn kif ukoll, l-*overhead shades* li kellhom ikunu finanzjati mid-ditta *WH Works*.

Huwa kien qed jissuġġerixxi li jsiru tined simili bħal dawk li saru riċentatment fil-*leisure park* f'Pembroke li l-materjal tagħhom, ma jirrikjedex l-istess manutenzjoni li jirrikjedu strutturi ta' l-injam.

Abazi tas-suġġeriment tal-Kunsillier Joe Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li għandu jikteb lil-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali fejn filwaqt li tiġi spjegata li l-qagħda finanzjarja ta' dan il-Kunsill ma tippermettix li jsiru proġetti simili minkejja l-prijorita' tagħhom għas-sigurta' tat-tfal, tintalab l-għajnuna tiegħu sabiex bħal ma sar f'lokalitajiet oħra ssir anke fil-Gżira bil-għan, li l-Gvern Ċentrali jiffinanzja l-ispiża neċessarja.

**Materji Konnessi – Minuti tat-13 t'Awwissu 2012**

**2.11 Paġna Nru: 2 para 6 –** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-*Expression of Interest* kemm ta' l-*Environmental Co-Ordinator* kif ukoll, tal-*Cash In Transit*, kienu jagħlqu fit-28 ta' Settembru 2012, fl-12.00 p.m. u bħal ma hi proċedurali, żewġ membri tal-Kunsill inkluż membri tal-Kumitat ta' l-Aġudikazzjoni, jkunu preżenti għall-ftuħ.

**2.12 Paġna Nru: 3 para 8 –** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li dak in-nhar stess tal-laqgħa kienet irċeviet ir-rapport tar-rakkomandazzjoni mill-Kumitat ta' l-Aġudikazzjoni.

Għaldaqstant, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li dan ir-rapport għandu jiġi diskuss u deċiż dak il-ħin stess waqt il-laqgħa.

Iċ-*Chairman* qara ir-rapport kif imħejji mill-Kumitat sopracitat permezz ta' liema, ġiet rrakkomandata d-ditta *Environmental Landscapes Consortium Ltd*.

Matul id-diskussjoni li saret il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li filwaqt li jaqbel mar-rakkomandazzjoni ssuġġerixxa, li dawn il-membri għandhom jistaqsu lill-Kunsill dwar l-esperjenza fl-eventwalita' li wieħed mis-sottomettenti jkun kuntrattur ta' l-istess Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-membri tal-Kumitat kienu talbuha tidħol għal parti ta' waħda mill-laqgħat fejn ġiet mistoqsija diversi affarijiet fosthom il-*performance* tad-ditta *E.L.C.* u jekk il-Kunsill kellux esperjenza ta' xogħol mas-Sur Martin Muscat.

Wara li l-punti tad-diskussjoni kollha ġew eżawriti, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li jiġi approvat ir-rapport tar-rakkomandazzjoni u abazi ta' l-istess punti permezz ta' liema il-Kumitat irrakkomanda lid-ditta *E.L.C.*, il-Kunsill qabel li din id-ditta għandha tirbaħ il-kuntratt skont is-Sejħa Għall-Offerti *GLCT004/2012 Tender for the Cleaning, Maintenance, Upkeep & Embellishment of Parks, Public Gardens and Soft Areas using environmentally friendly products and practices* għall-prezz ta' €29,970.00 VAT inkluża.

Għalhekk, il-Kunsill għandu jinnotifika liż-żewġ sottomettenti b'din id-deċiżjoni, jingħata ż-żmien ta' appell u fl-eventwalita' li s-sottomettent li ma rebaħx din is-Sejħa ma jappellax id-deċiżjoni tal-Kunsill, jiġi ffirmat il-kuntratt.

Iċ-*Chairman* rringrazzja lill-Kumitat għall-ħidma tiegħu.

## 3. Korrispondenza

**3.1** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sas-27 ta' Settembru 2012 kif ukoll, ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2** Inqrat il-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom.

**3.3** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li s-smiegħ tal-kawża quddiem il-Qorti ta' l-appell bejn *Elmo Insurance Ltd* vs l-Kunsill, kienet iffissata għall-14 ta' Jannar 2013.

L-Avukat tal-Kunsill kien notifikat.

**3.4** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata nmill-Kunsillier Charles Micallef St. John li, filwaqt li l-Kunsill

jinnota b'apprezzament li d-ditta *WH Works* wriet ix-xewqa li l-bankina ta' quddiem il-propjeta' tagħha *'Quantum House'* issir biż-żonqor u tkun responsabbli għall-manutenzjoni tagħha madanakollu, għar-raġunijiet ta' uniformita', l-materjal tal-bankina għandu jkun konkos tal-grad C20.

**3.5.1** B'eżitu tal-korrispondenza dwar il-proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropeja mill-*International Organization for Migration - IF 2001-08: "Pan-European Conference-Work: a Tool for Inclusion or a Reason for Exclusion?"* u mill-*Youth In Action Project Mainstreaming Gender Equality into Youth Policy* & Programmes ċ-*Chairman* spjega li:

L-*International Organisation for Migration – IF 2001-08: "Pan-European Conference-Work: a Tool for Inclusion or a Reason for Exclusion ?"* huwa proġett li 75% hu ffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja u 25% minn Nazzjonijiet Uniti u kien għalhekk li dan il-proġett kien qed jitmexxa mill-Agenzija *N.U.* f'Malta. Dan iffisser, li kull *partner* fil-proġett mhux ser joħroġ ebda spejjeż mill-fond tiegħu. L-għan tal-proġett huwa li l-Aġenzija flimkien mal-*partners* u l-*stake holders* fosthom l-*Universita' ta' Malta*, il-*General Workers Union*, id-*Department of Industrial & Employment Relations* u entitajiet governattivi oħra, abazi ta' diskussjonijiet waqt fora, iħejju *standards* ta' *induction programmes* għall-ċittadini minn pajjiżi tat-tielet dinja.

Hu kompla jispjega, kif dawk li jissejħu *resourse persons* jingħataw taħriġ u jiġu assenjati f'uffiċċji pubbliċi liema persuni jkunu mħallsa mill-Gvern Ċentrali tramite ta' dan il-fond. Kien għalhekk, li hu aċċetta li dan il-Kunsill Lokali jkun wieħed mill-*partners* f'dan il-programm għaliex filwaqt li ma kienx hemm ebda nefqa marbuta mal-parteċipazzjoni, l-lokalita' tagħna setgħet tibbenefika għaliex diġa' jgħixu madwar elf persuna ta' ċittadinazi simili u jekk l-uffiċċju jingħata *resourse person*, ikun possibbli li jiġu ndirrizzati ċertu problemi eżistenti fil-komunita Gżirjana.

Insegwitu ta' din l-ispjegazzjoni, l-Kunsill unanimament kkonferma d-deċiżjoni tas-Sindku.

**3.5.2** ***Youth in Action Project – Mainstreaming Gender Equality into Youth Policy & Programmes.***

Iċ-*Chairman* spjega li l-iskop ta' dan il-programm kien, li l-Kunsill Lokali bħala *partner* fil-proġett jiddentifika erba' persuni bejn –il ħmistax u t-tletin sena minn organiżazzjonijiet mhux governattivi u kummerċjali sabiex jattendu għal ġimgħa taħriġ dwar is-suġġett msemmi jiġifieri, *Gender Mainstreaming.* Hu kompla jgħid, li kien diġa' għamel kuntatt mal-*Banif Bank*, *HSBC, Gasan Mamo Insurance*, l-erba' lukandiera u sa dak in-nhar tal-laqgħa kellu konferma minn wieħed mill-lukandiera li kien ser jipparteċipa f'dan it-taħriġ.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-parteċipazzjoni f'dan il-proġett.

**3.6** Rigward petizzjoni li l-Kunsill kien irċieva mingħand grupp ta' nies mill-lokalita' biex isir monti jew suq fil-Gżira, l-Kunsill, wara diskussjoni, qabel unanimament li għandu jinħatar Sotto-Kumitat li l-membri għandhom ikunu, l-Viċi-Sindku Joe Galea u l-Kunsillieri Joe Camilleri u Charles Micallef St. John biex din il-materja tiġi diskussa aktar fid-dettal u jressqu r-rakkomandazzjoni lill-Kunsill.

**3.6.1** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill kien irċieva petizzjoni oħra minn residenti ta' Triq Reid, Manoel de Vilhena u Sir Charles Cameron fejn tressqet proposta sabiex jitwaħħlu *covers* mal-ventelaturi tal-faċċata tad-djar tagħhom biex il-ħamiem ma jidħolx ibejjet fihom u b'hekk jitnaqqas il-ħmieġ.

Iċ-*Chairman* qal, li din il-proposta ma setgħetx tintlaqa' minħabba l-fatt, li l-Kunsill ma jistax juża fond pubbliku fuq propjeta' privata madanakollu, kien ser ikellem lill-iSpettur Sultana dwar din is-sitwazzjoni sabiex isir l-istess bħal ma sar f'lokalitajiet oħra.

**3.7** Il-Kunsill qabel unanimament li abozi ta' l-ittra mibgħuta mis-Sinjura Helen Bonello għall-*loading/unloading* quddiem il-Mini Market fi Triq San Gorg, għandha ssir applikazzjoni u tintbagħat lit-*Transport Malta*.

**3.9** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kienet waslet *Memo 35/2012 – Skema ta' Impjieg Inklussiv fil-Komunita'* li titratta dwar skema ġdida li toffri opportunita' ta' xogħol għal persuni b'diżabilita' fi ħdan il-Kunsilli Lokali.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ddeċieda unanimament li l-Kunsill jikseb l-informazzjoni meħtieġa fuq din l-iskema liema nformazzjoni tiġi diskussa aktar 'l quddiem.

**3.10** Iċ-*Chairman* informa, li fit-13 ta' Settembru 2012 l-Kunsill kien bagħat ittra flimkien mar-rapport tal-Perit, lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali għal talba ta' fondi speċjali relatati ma' ħsarat kawżati mill-maltemp tat-3 ta' Settembru 2012, pero' sa dak in-nhar tal-laqgħa ebda risposta ma kienet intbagħtet. Huwa kompla jgħid, li l-Kunsill preċedenti kien ħareġ kwotazzjoni għat-tindif tal-*water culverts* li kienet intrebħet mid-ditta *General Ecological Services Co. Ltd* liema ditta kien għad għandha ammont pendenti ta' €968.22

Matul id-diskussjoni li saret, iċ-*Chairman* spjega li hu flimkien mal-Viċi-Sindku kienu iltaqgħu mad-ditta hawn fuq imsemmija sabiex ix-xogħol pendenti jitlesta kif ukoll, preżenti kien hemm il-kuntrattur tal-Kunsill, *J&K Contractors Ltd* li kien mitlub iħejji stima għall-manutenzjoni minħabba

ħsarat imġarba fil-maltemp liema ħsarat kienu jinkludu tranġar u bdil ta' kaptelli u bankini minn fejn jgħaddu l-istorm water culverts.

Is-Segretarju Eżekuttiv informut li l-istima tal-kuntrattur sopracitat kienet ta' €900.00.

Il-Kunsillier Joe Camilleri għamel referenza għall-xogħlijiet li kienu saru mill-Kunsill preċedenti ta' tranġar ta' culvert fi Triq ix-Xatt k/ma' Triq Stuart li kien imblokkat bl-għeruq ta' siġar.

Wara li ġew eżawriti l-punti kollha għad-diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter kemm man-nefqa ta' €900 tad-ditta *J&K Contractors Ltd* kif ukoll, li d-ditta *General Ecological Services Co Ltd* tlesti x-xogħlijiet mitluba u jitħallas l-ammont pendenti.

**3.11** B'eżitu tal-laqgħa li ċ-*Chairman* kellu mal-Perit Audrey Testaferrata de Noto fl-24 ta' Settembru 2012, dwar ir-*residential parking scheme* spjega li s'issa l-applikazzjoni sottomessa kienet tinkludi ħmistar –il triq fil-parti t'isfel tal-lokalita' li minħabba li hi turistika sa 30% biss tal-parkeġġ jista' jkun għar-residenti. Huwa kompla jgħid, li kopja tal-minuti kienu ser jgħaddu għall-attenzjoni u l-kummenti tal-*GRTU* li jidher li kienu pożittivi dwar din l-implimentazzjoni filwaqt li t-*Transport Malta* kellha tagħmel laqgħa ma' *MHRA*.

**3.12** B'eżitu ta' l-*on-site meeting* li l-Viċi-Sindku kellu mal-Perit tal-Kunsill, s-Sur Alfred Vella fis-6 ta' Settembru 2012 dwar pendenzi fit-Toroq Stuart u Ponsonby u problemi li xi residenti kellhom matul il-maltemp tat-3 ta' Settembru 2012, il-Viċi-Sindku qal, li l-Perit ma qabilx li fi Triq Ponsonby kantuniera ma' Triq Carlo manche issir *traffic calming measure* sabiex jiġi evitat *flooding* fl-ewwel parti ta' Triq Carlo Manche, prassi, li kienet saret bl-approvazzjoni ta' l-istess Perit matul dan il-proġett f'kantunieri oħra ta' l-istess triq jiġifieri, ma' toroq Rebħa u Cameron. L-istess problemi kellhom xi residenti oħra fi Triq Stuart.

Matul id-diskussjoni li saret il-Kunsill qal, li filwaqt li ma kinitx l-intenzjoni tiegħu li jmur kontra l-pariri tekniċii madanakollu, dawn is-sitwazzjonijiet riedu jerġgħu jiġu diskussi mal-Perit sabiex jinstabu soluzzjonijiet alternattivi biex problemi simii jiġu evitati u dan in vista tal-fatt li kienu resqin ix-xhur xitwin.

**3.13** Iċ-*Chairman* qal, li kien ser ikellem lill-Ispettur Sultana dwar *e-mail* mibgħuta minn dan ta' l-aħħar rigward talba għall-mappa tal-Gżira bil-*frame* tal-ħġieġ minħabba l-fatt, li l-kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jilqa' din it-talba.

**3.14** B'eżitu ta' l-*e-mail* li dan il-Kunsill Lokali rċieva mis-Sur Kevin Zahra għan-nom ta' *Transport Malta*, l-Kunsill qabel unanimament li jivverifika meta l-kuntratt attwali tal-*bus shelters* jiskadi, susegwentament ta' liema jiġi diskuss li tinbidel l-istruttura ta' dan il-*bus shelter* u b'hekk tiġi ndirizzata l-problema eżistenti t'aċċessibilita'.

**3.15** Il-Kunsill għandu jitlob aktar kjarifiki dwar żewġ kwotazzjonijiet Nru:111 u 112 mibgħuta mid-ditta *J.F. Mallia Ltd.*

**3.16** B'eżitu tat-talba minn *Obilico Cafe'* il-Kunsill iddiskuta l-permessi eżistenti ta' reklamar simili u qabel unanimament li l-ewwel għandu jiġi vverifikat jekk l-entitajiet kummerċjali għadhomx interessati li jġeddu l-permessi tagħhom għas-sena li jmiss sussegwentament ta' liema fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss tittieħed id-deċiżjoni finali dwar din it-talba.

**3.17** Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat pjanti sottomessi minn *Bonnici Bros.* dwar *traffic management* propost għall-implimentazzjoni waqt ix-xogħlijiet tal-bini ta' l-*overflow* tal-ġibjun li jgħaqqad mal-bini tal-mini skont in-*National Flood Relief Project*.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament li la darba dan il-proġett huwa approvat mill-*MEPA*, il-Viċi-Sindku għandu jivverifika ma' din l-Awtorita' l-kundizzjonijiet applikabbli kif ukoll, għandu jiġi vverifikat ma' l-istess Awtorita' l-pjanti sottomessi dwar żvilupp f'Misraħ Turu Colombo.

**3.18** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-Ħlasijiet Klg06/07 minn Nru:223 sa Nru:324 (ara *appendix* Nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget* .

**4.2** Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għall-para 4.2 tal-minuti preċedenti fejn kienet inqrat *e-mail* tas-17 ta' Lulju 2012 mibgħuta mill-Perit tal-Kunsill. Hi kompliet tispjega, li meta l-istess materja reġgħet ġiet diskussa mal-Perit wara l-laqgħa ta' Settembru 2012, informa permezz ta' rapport ieħor, li kien qiegħed jirrinunzja kemm għall-*Contract Management fee* kif ukoll għal kull responsabbilita diretta jew indiretta li tista' tirriżulta ta' xogħol ħażin relatat max-xogħlijiet ta' l-ilma f'dawn it-toroq. Hi żiedet tgħid, li l-kuntrattur *RSL* kien ċempel diversi drabi l-Kunsill u anke nforma, li invista tal-fatt li l-Kunsilli kollha li kien ħadem magħhom ma kienux talbuh l-*contract anagement fee* għal dan ix-xogħol, kien qiegħed jirriżerva d-dritt li jekk il-Kunsill iżomm mal-pożizzjoni

oriġinali tiegħu (jiġifieri li ma jgħaddilux il-ħlas tal-*contract management fee*) jieħu azzjoni legali.

Insegwitu ta' dan ir-rapport, il-Kunsill għamel referenza għall-pariri legali, d-dokumentazzjoni sottomessa mill-kuntrattur *RSL* inkluż dik ċertifikata mill-Inġinier Joseph Curmi għall-Korporazzjoni Għas-Servizzi ta' l-Ilma u dik tal-Perit.

B'ezitu ta' dawn l-evalwazzjonijiet, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata, mill-Kunsillier Charles Micallef St. John, li abazi tal-pariri legali, jkun aħjar fl-interess tal-Kunsill li kull xogħol relatat ma' proġetti infrastrutturali, jkunu ċertifikati mill-Perit u għalhekk anke fir-rispett tax-xogħlijiet ta' l-ilma, l-*contract anagement fee* lill-Perit, hi dovuta.

Għaldaqstant, il-Kunsill għandu jitlob *invoice* lill-Perit għal dawn il-ħlasijiet sabiex ikunu jistgħu jsiru l-pagamenti neċessarji.

**4.3** Wara diskussjoni qasira, l-iskeda tal-ħlasijiet sopracitata, ġiet approvata unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku.

Il-Kunsillier Victor Rutter telaq fis-7.45 p.m. minħabba mpenn ieħor

**5. Affarijiet Oħra**

**5.1** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li l-kuntratt tal-kiri tal-*Mobile Toilets* fix-Xatt jiġi estiż sa l-aħħar t'Ottubru 2012 bl-istess prezz.

**5.2** Il-Kunsill qabel unanimament li għandha ssir *MC base* quddiem Nru:10 fi Triq Sir Charles Cameron.

Il-Kunsillieri Joe Camilleri u J.M. Muscat telqu fit-8.00 p.m. minħabba mpenn ieħor.

**6. Laqgħa Oħra**

**6.1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.30 p.m. u ġiet aġġornata għall-24 t'Ottubru 2012 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Rowena M.Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/07**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Laqgħa Klg6/06 01.08.2012** **Data:** **02.08.2012 - 27.09.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | EcoPure | €8.50 | €8.50 | D | | Drinking Water Adm Office | 24.08.2012 | 522218 | 223 | | | 7947 |
| 2 | EcoPure | €24.99 | €24.99 | D | | Service Call Machine | 02.09.2012 | 523237 | 223 | | | 7947 |
| 3 | EcoPure | €8.50 | €8.50 | D | | Drinking Water Adm Office | 09.09.2012 | 523987 | 223 | | | 7947 |
| 4 | EcoPure | €12.74 | €12.74 | D | | Drinking Water Adm Office | 21.09.2012 | 524819 | 223 | | | 7947 |
| 5 | J&K Contractors | €80.75 | €80.75 | T | | Supply & Install barrier The Strand | 27.07.2012 | 1296-12 | 224 | | | 7948 |
| 6 | The Toolbox | €27.61 | €27.61 | D | | Maint. Of benches | 03.08.2012 | 11274 | 225 | | | 7949 |
| 7 | The Toolbox | €25.50 | €25.50 | D | | Maint of Railings M.Turu Colombc | 27.08.2012 | 11318 | 225 | | | 7949 |
| 8 | Joe Bonnici & Sons | €365.80 | €365.80 | Q | | Hire of Mobile Toilets - July 2012 | 31.07.2012 | 7011 | 226 | | | 7950 |
| 9 | Venture Trading | €75.70 | €75.70 | D | | Stationery | 08.08.2012 | 19156 | 227 | | | 7951 |
| 10 | Venture Trading | €75.46 | €75.46 | D | | Stationery - Server parts | 10.08.2012 | 19169 | 227 | | | 7951 |
| 11 | G4S Security Malta Ltd | €141.60 | €141.60 | D | | Cash In Transit - July 2012 | 31.07.2012 | GS005618 | 228 | | | 7952 |
| 12 | E.L.C. | €2,212.92 | €2,212.92 | T | | Maint of Soft Areas - July 2012 | 31.07.2012 | 008805 | 229 | | | 7953 |
| 13 | Charles M. St. John | €12.00 | €12.00 | D | | Two Books for P. Library | 07.08.2012 | 0070 | 230 | | | 7954 |
| 14 | Alfa Co Ltd | €156.07 | €156.07 | D | | Copies & Rentals - 13.06.-12.07 - 01.07 - 31.07 2012 | 31.07.2012 | 85477 | 231 | | | 7955 |
| 15 | David Grasso | €380.00 | €380.00 | D | | S/Music Nights - 13/07 20/07 27/07 03/08 | 08.08.2012 | | 232 | | | 7946 |
| 16 | Vibefm | €261.96 | €261.96 | D | | Advertising Attivita 24.08.2012 | 01.08.2012 | 4283 | 233 | | | 7908 |
| 17 | GO plc | €59.32 | €59.32 | D | | Tel 322157 - calls July - Rent Aug 2012 | 07.08.2012 | 28691254 | 234 | | | 7913 |
| 18 | GO plc | €19.67 | €19.67 | D | | Tel 341616 - Calls July - Rent Aug 2012 | 07.08.2012 | 28690757 | 235 | | | 7914 |
| 19 | GO plc | €77.32 | €77.32 | D | | Tel 334254-341034 Cls July Rent Aug 2012 | 07.08.2012 | 28690752 | 236 | | | 7915 |
| 20 | Nevill's Printing Palace | €84.00 | €84.00 | D | | 12 Pen Drives | 02.08.2012 | 623 | 237 | | | 7956 |
| | **Sub Total c/f** | **€4,110.41** | **€4,110.41** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€4,110.41** | **€4,110.41** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/07**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Laqgħa Klg6/06 01.08.2012** **Data:** **02.08.2012 - 27.09.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Melita Plc | €307.24 | €307.24 | D | | Hello Service & Usage 08.08 - 07.09.2012 | 08.08.2012 | 32675676 | 238 | | | 7918 |
| 22 | J.F. Mallia Ltd | €548.84 | €548.84 | D | | Job Nos: 266-67-68-70-71-72 -Bozoz | 07.08.2012 | 772 | 239 | | | 7957 |
| 23 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €4,064.39 | D | | Allocated MSW Waste July 2012 | 16.08.2012 | 26148 | 240 | | | 7958 |
| 24 | Perm Sec OPM | €75.00 | €75.00 | D | | Advert Env. Cor.- Cash In Transit | 20.08.2012 | | 241 | | | 7959 |
| 25 | D.O.I. | €9.32 | €9.32 | D | | Adv Gov Gazz Env Co-ordinator - 21.08.2012 | 17.08.2012 | | 242 | | | 7909 |
| 26 | D.O.I. | €9.32 | €9.32 | D | | Adv Gov Gazz Cash In Transit 21.08.2012 | 17.08.2012 | | 243 | | | 7917 |
| 27 | Union Print | €68.91 | €68.91 | D | | Adv Exp of Int Env. Cor/C.I.T. - 21.08.2012 | 17.08.2012 | AI007801 | 244 | | | 7960 |
| 28 | Allied Newspapers | €232.58 | €232.58 | D | | Adv Exp of Int Env. Cor/C.I.T. - 21.08.2012 | 24.08.2012 | ASI513028 | 245 | | | 7961 |
| 29 | Media Link Comm Co Ltd | €205.32 | €205.32 | D | | Adv Exp of Int Env. Cor/C.I.T. - 21.08.2012 | 21.08.2012 | 49526 | 246 | | | 7962 |
| 30 | Koperattiva Tab. Sinjali | €636.32 | €636.32 | T | | Job No: 11792 - Road Markings | 24.07.2012 | 16838 | 247 | | | 8002 |
| 31 | Koperattiva Tab. Sinjali | €497.17 | €497.17 | T | | Job No: 11793 - Road Markings | 24.07.2012 | 16839 | 248 | | | 8003 |
| 32 | Squire Bookshop | €64.05 | €64.05 | D | | Newspapers - July 2012 | 30.07.2012 | 422 | 249 | | | 7963 |
| 33 | Stardelta Hardware Store | 90c | 90c | D | | Ramel | 14.08.2012 | 6658804 | 250 | | | 7964 |
| 34 | D,O.I. | €9.32 | €9.32 | D | | Adv No: 2 Exec Sec. Gov Gazz Fri 24.08.2012 | 21.08.2012 | | 251 | | | 7919 |
| 35 | Print Right Ltd | €208.86 | €208.86 | D | | Adv Attivita' 23.06.2012 | 21.08.2012 | 000252 | 252 | | | 7965 |
| 36 | Print Right Ltd | €236.00 | €236.00 | D | | Adv Grajja Madonna tal-Gebla | 21.08.2012 | 253 | 252 | | | 7965 |
| 37 | M.A.& A. Services Ltd | €47.00 | €47.00 | D | | Service Call A.C. | 17.08.2012 | 003814 | 253 | | | 7966 |
| 38 | Squire Bookshop | €63.95 | €63.95 | D | | Newspapers - August 2012 | 01.09.2012 | 478 | 254 | | | 7967 |
| 39 | Longbow Ltd | €151.04 | €151.04 | D | | 4 packs x 200 Litter Bags for Strand | 28.08.2012 | 111182 | 255 | | | 7968 |
| 40 | MITA | €19.88 | €19.88 | D | | e-mail a/c for Councillors Apr - June 2012 | 29.08.2012 | SIN 026790 | 256 | | | 7969 |
| | **Sub Total c/f** | **€7,454.51** | **€7,454.51** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€4,110.41** | **€4,110.41** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€11,564.92** | **€11,564.92** | | | | | | | | | |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/07**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Laqgħa Klg6/06 01.08.2012** **Data:** **02.08.2012 - 27.09.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | E.L.C. | €2,212.92 | €2,212.92 | T | | Maint Soft Areas - August 2012 | 31.08.2012 | 008899 | 257 | | | 7970 |
| 42 | Joe Bonnici & Sons | €365.80 | €365.80 | Q | | Hire of Mobile Toilets - August 2012 | 31.08.2012 | 7093 | 258 | | | 7971 |
| 43 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | | S/Sweep G/Cutting for July 2012 | 20.08.2012 | 12-2659 | 259 | | | 7972 |
| 44 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | | Street Sweeping on Sundays - July 2012 | 20.08.2012 | 12-2660 | 260 | | | 7973 |
| 45 | SRF Cleaning Services | €93.17 | €93.17 | T | | Cleaning &S/Sweeping Festa - July 2012 | 20.08.2012 | 12-2661 | 261 | | | 7974 |
| 46 | J.F. Mallia Ltd | €180.48 | €180.48 | D | | Repairs Kaxxa tad-Dawl ix-Xatt | 04.09.2012 | 788 | 262 | | | 7975 |
| 47 | J.F. Mallia Ltd | €421.17 | €421.17 | D | | Job Nos: 273/75/76/77/78/Upgrade Ponsonby | 04.09.2012 | 786 | 263 | | | 7976 |
| 48 | Anton Zarb | €9,724.97 | €9,724.97 | Q | | 25 Litter Bins - The Strand | 10.06.2012 | AZ93-12 | 264 | | | 7977 |
| 49 | Best Wishes | €46.98 | €46.98 | D | | Stationery | 31.08.2012 | 2397754 | 265 | | | 7978 |
| 50 | J Bugeja & Assoc | €3.23 | €3.23 | T | | C/M fee J&K inv. 1296-12 | 20.08.2012 | rfp 1018 | 266 | | | 7979 |
| 51 | J Bugeja & Assoc | €17.10 | €17.10 | T | | C/M fee J&K inv 1295-12 | 20.08.2012 | rfp 1019 | 267 | | | 7980 |
| 52 | G4S Sec Services Malta Ltd | €159.30 | €159.30 | D | | cash In Transit August 2012 | 31.08.2012 | GS005834 | 268 | | | 7981 |
| 53 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €371.43 | €371.43 | T | | Job No: 11844 Road Markings | 31.08.2012 | 16919 | 269 | | | 8004 |
| 54 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €23.41 | €23.41 | T | | Job No: 11845- Road Markings | 31.08.2012 | 16920 | 270 | | | 8005 |
| 55 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €335.32 | €335.32 | T | | Job No: 11169 - Road Markings | 17.08.2012 | 16928 | 271 | | | 8006 |
| 56 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €23.57 | €23.57 | T | | Job No: 11170 - Road Markings | 17.08.2012 | 16929 | 272 | | | 8007 |
| 57 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €473.01 | €473.01 | T | | Job No: 11148 - Road Markings | 14.08.2012 | 16938 | 273 | | | 8008 |
| 58 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €113.01 | €113.01 | T | | Job No: 11149 - Road Markings | 16.08.2012 | 16939 | 274 | | | 8009 |
| 59 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €684.77 | €684.77 | T | | Job No: 11150 - Road Markings | 16.08.2012 | 16940 | 275 | | | 8010 |
| 60 | ARMS Ltd | €744.83 | €744.83 | D | | Gzira Gardens 16.03.2012 - 13.06.2012 | 31.08.2012 | 15724898 | 276 | | | 7982 |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€20,961.84** | **€20,961.84** |
| **Sub Total b/f** | **€11,564.92** | **€11,564.92** |
| **Total** | **€32,526.76** | **€32,526.76** |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/07**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Laqgħa Klg6/06 01.08.2012** **Data:** **02.08.2012 - 27.09.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | ARMS Ltd | €341.20 | €341.20 | D | | Promenade Gardens 25.02.2012 -13.06.2012 | 31.08.2012 | 15724899 | 277 | | | 7983 |
| 62 | David Grasso | €430.00 | €430.00 | D | | S/Music Nts 10/8-17/8-24/8-31/8 + Singer | 03.09.2012 | | 278 | | | 7945 |
| 63 | Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | Q | | Crafts Lessons - August 2012 | 31.08.2012 | 34 | 279 | | | 7933 |
| 64 | Joe Borg | €46.59 | €46.59 | D | | Duck Food - August 2012 | 31.08.2012 | 40 | 280 | | | 7984 |
| 65 | Emanuel Mifsud | €5,590.50 | €5,590.50 | T | | Door to Door Collection - August 2012 | 31.08.2012 | 39 | 281 | | | 7941 |
| 66 | Emanuel Mifsud | €366.84 | €366.84 | T | | Skip Hire - August 2012 | 31.08.2012 | 40 | 282 | | | 7942 |
| 67 | Emanuel Mifsud | €836.06 | €836.06 | T | | Public Convenience | 31.08.2012 | 41 | 283 | | | 7943 |
| 68 | Emanuel Mifsud | €990.80 | €990.80 | T | | Bulky Refuse - 181 Calls July 2012 | 31.08.2012 | 42 | 284 | | | 7944 |
| 69 | Enemalta | €545.34 | €545.34 | Q | | appl 300159603/04/300486165/173/179 | 30.07.2012 | | 285 | | | 7985 |
| 70 | Joe Borg | €46.59 | €46.59 | D | | Duck Food - Sept 2012 | 01.09.2012 | 41 | 286 | | | 7986 |
| 71 | Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | Q | | Crafts Lessons - September 2012 | 01.09.2012 | 35 | 287 | | | **7934** |
| 72 | Emanuel Mifsud | €5,590.50 | €5,590.50 | T | | Door to Door Collection - September 2012 | 31.09.2012 | 43 | 288 | | | 7935 |
| 73 | Emanuel Mifsud | €432.87 | €432.87 | T | | Skip Hire - September 2012 | 31.09.2012 | 44 | 289 | | | 7936 |
| 74 | Emanuel Mifsud | €836.06 | €836.06 | T | | Public Convenience - September 2012 | 31.09.2012 | 45 | 290 | | | 7937 |
| 75 | Emanuel Mifsud | €996.27 | €996.27 | T | | Bulky Refuse - 182 Calls Aug 2012 | 31.09.2012 | 46 | 291 | | | 7938 |
| 76 | Emanuel Mifsud | €95.00 | €95.00 | T | | Cleaning Festa 08.07.2012 | 31.09.2012 | 47 | 292 | | | 7939 |
| 77 | Gżira United F.C. | €8,000.00 | €8,000.00 | D | | Contract Training Ground 01.09.12- 31.08.13-3rd Payment | 31.09.2012 | | 293 | | | 7940 |
| 78 | Audio Visual Centre Ltd | €105.42 | €105.42 | D | | Books for Public Library | 04.09.2012 | 349070 | 294 | | | 7987 |
| 79 | GO plc | €18.96 | €18.96 | D | | 341616 - Calls Aug Rent Sept 2012 | 10.09.2012 | 29082990 | 295 | | | 7928 |
| 80 | GO plc | €83.00 | €83.00 | D | | 322157 Calls Aug rent Sept 2012 | 10.09.2012 | 29083476 | 296 | | | 7929 |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€26,102.00** | **€26,102.00** |
| **Sub Total b/f** | **€32,526.76** | **€32,526.76** |
| **Total** | **€58,628.76** | **€58,628.76** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/07**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Laqgħa Klg6/06 01.08.2012** **Data:** **02.08.2012 - 27.09.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | GO plc | €75.19 | €75.19 | D | | 334254/341034 Calls Aug Rent Sept 2012 | 10.09.2012 | 29082987 | 297 | | | 7930 |
| 82 | Dept of Information | €9.32 | €9.32 | D | | Adv No: 1 Gov Gazz Vac Exec Sec | 10.08.2012 | | 298 | | | 7931 |
| 83 | JJ & JM Co Ltd | €24.58 | €24.58 | D | | Consumables - July 2012 | 14.09.2012 | | 299 | | | 8011 |
| 84 | JJ & JM Co Ltd | €35.59 | €35.59 | D | | Consumables - August 2012 | 14.09.2012 | | 300 | | | 8012 |
| 85 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €4,064.39 | D | | Allocated MSW Waste - August 2012 | 15.09.2012 | | 301 | | | 7988 |
| 86 | Alfa Co Ltd | €86.94 | €86.94 | D | | Copies & Rentals 13.07.12 - 12.08.2012 | 31.08.2012 | | 302 | | | 7989 |
| 87 | Alfa Co Ltd | €56.12 | €56.12 | D | | Copies & Rentals 01.08.12 - 31.08.12 | 31.08.2012 | | 302 | | | 7989 |
| 88 | J. Bugeja & Assoc. | €109.79 | €109.79 | T | | C/M fee RSL on Retention Re-surfacing Coleridge Str | 11.09.2012 | rfp 1043 | 303 | | | 7990 |
| 89 | J.Bugeja & Assoc. | €50.24 | €50.24 | T | | C/M fee RSL on Retention Re-surfacing Im. Concep Str | 11.09.2012 | rfp1046 | 304 | | | 7991 |
| 90 | J. Bugeja & Assoc. | €29.23 | €29.23 | T | | C/M fee RSL on Retention N. Cottoner Street | 11.09.2012 | rfp 1048 | 305 | | | 7992 |
| 91 | J. Bugeja & Assoc. | €2,048.30 | €2,048.30 | T | | Arch. Services - July 2012 | 20.08.2012 | rfp 1010 | 306 | | | 7993 |
| 92 | J. Bugeja & Assoc. | €460.53 | €460.53 | T | | Arch. Services - August 2012 | 11.09.2012 | rfp 1047 | 307 | | | 7994 |
| 93 | J. Bugeja & Assoc. | €1,161.63 | €807.63 | T | | Arch. Services - June 2012 less C/Note 1049 | 16.07.2012 | rfp 970 | 308 | | | 7995 |
| 94 | Venture Trading | €44.25 | €44.25 | D | | A4 Paper | 18.09.2012 | 19304 | 309 | | | 7996 |
| 95 | Venture Trading | €64.00 | €64.00 | D | | Computer part | 18.09.2012 | 19309 | 309 | | | 7996 |
| 96 | The Toolbox | €6.50 | €6.50 | D | | Maintenance | 18.09.2012 | 11371 | 310 | | | 7997 |
| 97 | Melita plc | €269.93 | €269.93 | D | | Hello Service & Usage 08.09.12 - 07.10.12 | 08.09.2012 | 32834318 | 311 | | | 7932 |
| 98 | Vinto Stores | €2.40 | €2.40 | D | | Maintenance for Public Library | 24.09.2012 | 020733 | 312 | | | 7998 |
| 99 | ARMS Ltd | €1,348.98 | €1,348.98 | D | | 283/1 D'Argens 07.06.2012 - 24.08.2012 | 20.09.2012 | 15804505 | 313 | | | 7999 |
| 100 | EcoPure | 12.74. | €12.74 | | | Drinking Water for Adm Office | 18.09.2012 | 527174 | 314 | | | 8000 |
| | **Sub Total c/f** | **€9,947.91** | **€9,606.65** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€58,628.76** | **€58,628.76** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€68,576.67** | **€68,235.41** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/07**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Laqgħa Klg6/06 01.08.2012** **Data:** **02.08.2012 - 27.09.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 101 | R.S.L. | €729.84 | €729.84 | T | | 10% retention resurfacing Works N. Cottoner | 24.09.2012 | 857 | 315 | | | 8016 |
| 102 | R.S.L. | €2,744.52 | €2,744.52 | T | | 10% retention resurfacing Works Coleridge Str | 24.09.2012 | 858 | 316 | | | 8017 |
| 103 | R.S.L. | €1,255.14 | €1,255.14 | T | | 10% Retention re-surfacing Im.Concep Street | 24.09.2012 | 859 | 317 | | | 8018 |
| 104 | R.S.L. | €52.78 | €52.78 | T | | 10% Retention Repair Wrks Im ConcepStr | 24.09.2012 | 860 | 318 | | | 8019 |
| 105 | Honoraria | €521.83 | €521.83 | D | | Aug-12 | 31.08.12 | | 319 | | | 978 |
| 106 | Qualification Allowance | €465.87 | €465.87 | D | | one time payment - August 2012 | 31.08.2012 | | 320 | | | 984 |
| 107 | Salaries | €4,817.87 | €4,817.87 | D | | Aug-12 | 31.08.2012 | | 321 | | | 979, 980, 981, 982 |
| 108 | C.I.R | €2,056.59 | €2,056.59 | | | | | | | | | 985 |
| 109 | Honoraria | €521.83 | €521.83 | D | | Sep-12 | 27.09.2012 | | 322 | | | 986 |
| 110 | Bonus | €423.95 | €423.95 | D | | Sep-12 | 27.09.2012 | | 323 | | | 992, 993, 994, 995 |
| 111 | Salaries | €4,717.22 | €4,717.22 | | | Sep-12 | 27.09.2012 | | 324 | | | 987, 988, 989, 990, 991 |
| 112 | C.I.R. | €1,940.19 | €1,940.19 | | | | | | | | | 996 |
| 113 | | | | | | | | | | | | |
| 114 | | | | | | | | | | | | |
| 115 | | | | | | | | | | | | |
| 116 | | | | | | | | | | | | |
| 117 | | | | | | | | | | | | |
| 118 | | | | | | | | | | | | |
| 119 | | | | | | | | | | | | |
| 120 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€20,247.63** | **€20,247.63** |
| **Sub Total b/f** | **€68,576.67** | **€68,235.41** |
| **Total** | **€88,824.30** | **€88,483.04** |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier